MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 22/1995/2

Maurizio Sgueglia u martu Josna Deticek

Vs

Lawrence Meilaq u b'digriet tas-26 t'April 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Theresa armla Meilaq, Loreta mart Spiro Sillato, Spiridione, Mary Rose mart Carmel Farrugia, Anna mart Paolo Debono, Bernardina armla ta' Adrian Agius, Alice mart Carmel Xuereb, Carmen, Josepha marti Niki Atzori, Sandra, u Carla, ahwa Meilak.

Il-Qorti,

**Kawza li fiha l-atturi qeghdin jitolbu likwidazzjoni u hlas ta' danni ghaliex isostnu li xoghol li sar mill-konvenut, fi twettiq ta' appalt, ma sarx skond is-sengha u l-arti.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-19 ta’ April 1995 li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li x-xoghol li ghamel il-konvenut fi tlestija ta’ xoghol fi twettiq ta’ appalt moghti lilu, ma sarx skond is-sengha u l-arti. Ghalhekk talbu l-likwidazzjoni u hlas ta’ danni. Dan wara li ppremettew li b’kuntratt tal-24 ta’ Settembru 1990 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani xtraw minghand il-konvenut appartament numru 23 li jifforma parti minn blokk minghajr numru ufficjali, bl-isem ta’ Sunset Court, Triq Cordina, Ghajnsielem, Ghawdex. Appartament li nbiegh lill-atturi f’kundizzjoni ta’ gebel u saqaf u l-atturi taw appalt lill-konvenut biex jaghmel ix-xogholijiet mehtiega sabiex il-fond isir abitabbli. Ippremettew ukoll li wara li tlesta x-xoghol kien irrizulta li x-xoghol maghmul mill-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti u rrizultaw nuqqasijiet b’mod partikolari fil-bejt. Difetti li iktar ma jghaddi z-zmien qeghdin jaggravaw ruhhom.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fid-9 ta’ Mejju 1995 (fol. 11) fejn il-konvenut eccepixxa:

1. Ic-citazzjoni hi irrita u nulla ghaliex ma fhiex spjegat b’mod dettaljat ir-ragunijiet tal-kawza, ghaliex l-atturi imkien ma indikaw fhiex kien difettuz jew nieqes mis-sengha u l-art ix-xoghol maghmul mill-konvenut, u lanqas ma ndikaw x’inhuma d-danni illi huma allegatament sofrew b’konsegwenza ta’ dawn l-allegati nuqqasijiet.
2. It-talba tal-atturi sabiex il-konvenut jigi kundannat ihallas xi danni ma tistax tigi milqugha ghaliex fic-citazzjoni ma giex premess li hu responsabbli ghad-danni.
3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u n-nuqqasijiet li zviluppaw huma minhabba x-xogholijiet u tibdil li ghamlu l-atturi fis-saqaf minghajr ebda dritt u abbuzivament, u cjoe’ xoghol ta’ tqattiegh tal-bejt sabiex jaghmlu cumnija, kif ukoll minhabba il-kisi illi l-atturi ghamlu wkoll illegalment fuq l-istess bejt.
4. Mhux veru li l-atturi sofrew xi dani li ghalihom responsabbli l-konvenut.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Mario Cassar.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mill-kontendenti.

Rat ukoll l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Lawrence Meilak vs Avukat Dottor Michael Caruana nomine** (Cit. nru: 106/91) deciza fil-31 ta’ Lulju 2008 u li sal-lum ghadha ma saritx gudikat ghaliex sar appell.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2008 fejn jinghad li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:-

(a) Fil-25 ta’ April 1990 il-kontendenti ffirmaw konvenju ghax-xiri tal-appartament *“…numbered twenty three (23) forming part of Sunset Court, New Street off Cordina Street, Ghajnsielem, Gozo, situated on the fourth (4$^{th}$) floor level, without its own airspace….”* (fol. 87) ghall-prezz ta’ Lm10,000. Fil-konvenju jinghad li l-venditur qieghed jinghata appalt versu l-prezz ta’ Lm9,000 li minnhom Lm5,000 huma pagabbli mal-pubblikazzjoni tal-att ta’ bejgh u l-bilanc sa l-ahhar tas-sena. Appalt li nghata *“….to render the said habitable in consideration of the price ……”* (fol. 88).

(b) Il-kuntratt ta’ bejgh gie pubblikat fl-24 ta’ Settembru 1990 min-nutar Dr. Paul George Pisani (fol. 89). L-appartament inbiegh fi stat ta’ gebel u saqaf, u gie dikjarat li *“The proprietors of the flat hereby sold enjoy the right to instal a television antenna as well as water tank on the highest roof of the said block as well as the right to use the said uppermost floor for all normal purposes.”* (fol. 92).

(c) L-atturi jsostnu li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u dan b’mod partikolari ghal bejt, li hu sovrastanti l-appartament li xtraw. Minhabba f’hekk isostnu li kien jidhol l-ilma fl-appartament u ghalhekk kellhom jaghmlu *water proof membrane* fl-art tal-bejt.

(d) Il-konvenuti jaqblu li l-art tal-bejt ma kienx sarilha kontrabejt.

2. Ghal dawk li huma eccezzjonijiet preliminari ftit li xejn hemm xi tghid:-

(a) **<u>L-ewwel eccezzjoni</u>** – din giet irtirata mill-konvenuti fin-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw il-konvenuti fl-20 ta’ Novembru 2007 (fol. 124). Ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

(b) **<u>It-tieni eccezzjoni</u>** – Fic-citazzjoni ma saritx talba sabiex il-konvenuti jigu dikjarati li huma responsabbli ghad-danni li l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u hlas taghhom. B’daqshekk ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tikkunsidra t-tieni u t-tielet talbiet li permezz taghhom l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u hlas ta’ danni. Permezz tal-ewwel talba l-atturi qeghdin jitolbu li l-Qorti: *“Tiddikjara illi ghar-ragunijiet li jigu spjegati iktar fid-dettall fil-kors tal-kawza, x-xoghol maghmul mill-konvenut fit-tlestija tal-proprjeta’ fuq imsemmija in esekuzzjoni tal-appalt moghti lilu ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti.”*. M’hemmx dubju li jekk l-ewwel talba tigi milqugha jkun ifisser li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni li setghu sofrew l-atturi. Il-Qorti tqies li l-kwistjoni ta’ responsabblita’ hi kompriza f’din l-ewwel talba, u ma kienx hemm bzonn li ssir xi talba addizjonali biex il-Qorti tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi. Inoltre, il-gurisprudenza hi cara u ma taghti lok ghal ebda dubju fejn l-ezitu ta’ kawza tkun tiddependi minn dikjarazzjoni li ma tkunx giet riflessa permezz ta’ talba. M’hemmx dubju li sabiex il-Qorti tkun tista’ tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni, hemm bzonn li jigi stabbilit jekk l-attur kien responsabbli ghal xi inadempjenza kuntrattwali. Issir riferenza ghal xi sentenzi:-

**(i)** **<u>George Cauchi vs Arnold Farrugia</u>** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili permezz ta’ sentenza *in parte* fil-25 ta’ Settembru 2003: ***“id-dikjarazzjonijiet li minn zmien ghal zmien ikunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mit-talbiet tieghu, m’hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni fil-forma ta’ talba”***. L-istess inghad fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Camilleri noe vs Brian Borg et** (Cit. nru: 1371/1994) deciza mill-Prim’Awla tal-

Qorti Civili[1] fit-28 ta' Jannar 2004. F'din il-kawza l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex irodd lura magna ta' vettura. Il-konvenut qajjem l-eccezjoni tan-nullita tac-citazzjoni ghaliex it-talba sabiex il-konvenut jigi kkundannat jirritorna l-magma lill-attur, ma kenitx preceduta minn talba sabiex jigi ddikjarat li l-magna hija propjeta ta' l-attur. Il-Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjoni osservat:- ***"Huwa konkordament ricevut f'numru ta' decizjonijiet illi d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi" (Kollez. Vol. XXXIII.i.666; Vol. XLI.ii.688; Gloria Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines, Appell, 5 ta' Ottubru 1998); Fil-fehma tal-Qorti mill-korp ta' l-istess citazzjoni hemm hjiel bastanti biex juri li l-attur nomine kien qieghed jippremetti illi l-magna de quo kienet tieghu u li kien fdaha f'idejn il-konvenut. Konsegwentement ma tarax lok ghall-akkoljiment ta' l-irritwalita eccepita"***.

**(ii)** **<u>Ivor Zammit et vs Kevin Zammit Tabona et</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Marzu 1996 [Vol. LXXX.i.454] li kienet kawza fejn kienet qeghda tigi kontestata l-validita ta' cedola ta' fidi ta' cens. Ghalkemm l-atturi ma kienux ghamlu talba espressa sabiex il-Qorti tiddikjara li c-cedola ma kenitx valida, il-Qorti xorta cahdet l-eccezzjoni tan-nullita' tac-citazzjoni. Il-Qorti regghet ghamlet riferenza ghall-principju li *id-dikjarazzjonijiet li minn zmien ghal zmien ikunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mit-talbiet tieghu, m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni fil-forma ta' talba*.

**(iii)** **<u>Dottor George Vassallo et vs Julian Sammut</u>** deciza fit-12 ta' Marzu 1990 mill-Qorti ta' l-Appell: *"Il-Qorti ma tarax li kien necessarju ghall-atturi li jaghmlu talba ad hoc fic-citazzjoni ghal dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-fond bla titolu billi dina l-kwistjoni hija implicita fl-imsemmija talba ghall-izgumbrament……. Mela biex il-Qorti tiddecidi jekk ghandux jigi zgumbrat jew le l-konvenut, ghandha qabel xejn, tara jekk verament il-*

---
[1] Imhallef P. Sciberras.

*konvenut hux qed jokkupa l-fond bla titolu kif qed jigi pretiz fit-talba tac-citazzjoni…. Lanqas il-Qorti ma tara n-necessita' li l-atturi fic-citazzjoni jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti li l-lokazzjoni pretiza mill-konvenut hija valida jew le… Biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni jekk il-konvenut hux qed jokkupa l-fond bla titolu kien ovvju li trid tara u tistabilixxi jekk jezistux jew le favur il-konvenut it-titolu li huwa jippretendi li jezisti favur tieghu"*.

3. Hu evidenti li d-danni li qeghdin jirreklamaw l-atturi huma danni kuntrattwali, tant hu hekk li permezz tal-ewwel talba jitolbu dikjarazzjoni li *"….x-**xoghol maghmul mill-konvenut** fit-tlestija tal-proprjeta' fuq imsemmija **in esekuzzjoni tal-appalt moghti lilu** ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti."*[2]. Kemm fic-citazzjoni u kif ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni, l-atturi jilmentaw li x-xoghol li sar fil-bejt ma kienx skond is-sengha u l-arti. Fil-fatt huma jippremettu li *"….illi inoltre l-atturi kienu taw appalt lill-konvenut ghat-tlestija tax-xogholijiet kollha sabiex dan il-flat ikun abitabbli."*. Minn qari tan-nota ta' l-eccezzjonijiet (fol. 11) l-konvenut ma kkontestax li l-bejt kien parti mill-ftehim ta' appalt. Il-konvenut irreplika li x-xoghol li ghamel *"…sar kollu skond is-sengha u l-arti u n-nuqqasijiet illi zviluppaw huma dovuti esklussivament ghax-xogholijiet u alterazzjonijiet illi l-atturi ghamlu fis-saqaf minghajr ebda dritt u abbuzivament, specifikament ix-xoghol ta' tqattiegh tal-bejt sabiex jaghmlu cumnija, kif ukoll minhabba il-kisi illi l-atturi ghamlu ukoll illegalment fuq l-istess bejt"* (fol. 11).

4. Il-konvenut m'huwiex jikkontesta li rrizultaw nuqqasijiet fir-rigward tal-bejt, pero' qieghed jatribwixxi l-htija fuq l-atturi. Prova ta' dan ma tressqitx. Min-naha tieghu l-perit tekniku ghamel dawn il-kostatazzjonijiet:-

---

[2] *"Fil-kaz ta' appalt, l-addebitu li l-appellat jaghmel lill-appaltatur li huwa responsabbli ghad-danni minhabba ezekuzzjoni hazina ta' l-appalt jikkostitwixxi addebitu ta' kolpa kontrattwali"* (**Joseph Busuttil vs Emmanuele Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Frar 1954 – Vol. XXVIII.i.292).

- Fl-appartament tal-atturi *"….kien hemm ingress ta' ilma mis-saqaf sovrastanti…."* (fol. 135).
- Fil-bejt in kwistjoni ma sarx kontrabejt; *"….u dan kontra kif jitolbu s-sengha u l-arti. L-esponent huwa konxju illi hija d-drawwa illi fil-gzira ta' Ghawdex f'hafna mill-kazi ma jaghtux kontrabejt,* ***biss din tmur kontra kull principju ta' xoghol tajjeb****, u ma hiex skuza biex dan il-kontrabejt ma jsirx."*.

Hu evidenti li l-perit tekniku esprima l-fehma li l-perkolazzjoni ta' ilma mill-bejt kien rizultat tal-fatt li l-art tal-bejt ma kenitx impermeabbli ghall-ilma tax-xita. Min-naha tal-konvenuti ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod tpoggi fid-dubju l-fehma li esprima l-perit tekniku. Il-konvenuti jsostnu[3] li *"…..l-konvenut Lawrence Meilak imkien u qatt ma assuma xi obbligu fil-konfront tal-attur odjern illi jaghmel kontro-bejt fuq is-saqaf tal-appartament akkwistat minn dan ta' l-ahhar."*. Irrispettivament dwar jekk il-konvenut assumiex xi obbligu li jaghmel kontrabejt, il-fatt li beda jidhol l-ilma tax-xita fl-appartament tal-atturi hi fiha nnifisha prova li x-xoghol li sar fil-bejt ma kienx skond is-sengha u l-arti. F'dan il-kuntest certament li Lawrence Meialk kien inadempjenti in kwantu bhala l-persuna li nghatat l-appalt, kien l-obbligu tieghu li jizgura li fil-bejt isir xoghol ta' kwalita' biex il-bejt ikun impermeabbli ghall-ilma tax-xita rrispettivament tat-teknika li tintuza. Min-naha tal-konvenuti ma tressqux xi provi li jwasslu lill-Qorti biex twarrab l-opinjoni teknika li esprima l-perit tekniku. Il-fatt li f'Ghawdex jista' jkun li l-uzanza hi li ma jsirx kontrabejt, b'daqshekk ma jfissirx li din il-prassi hi tajba.

5. Ghal dawk li huma danni li qeghdin jintalbu mill-atturi, il-piz tal-prova qieghed ukoll fuqhom li wara kollox qeghdin jippretendu l-hlas. Il-konkluzjoni li l-konvenut naqas milli jaghmel ix-xoghol fil-bejt skond is-sengha u l-arti u ghalhekk responsabbli ghad-danni, ma tiddispensax lill-atturi milli jressqu provi sodisfacenti dwar id-danni. Il-Qorti tirrileva s-segwenti:-

---

[3] Nota ta' sottomissjonijiet prezentata fid-19 ta' Awwissu 2008.

(a) **<u>Spejjez ghat-tqeghid ta’ *waterproof membrane*</u>**: l-atturi ghamlu dan il-membrane fil-bejt sovrastanti l-appartament taghhom sabiex iwaqqfu d-dhul ta’ ilma. Mill-provi rrizulta li l-konvenut ma kienx ha passi biex jirrimedja ghall-ilment tal-atturi. F’dawk ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax tlum lill-atturi, li hadu l-passi biex jirrimedjaw ghal dan in-nuqqas bi tqeghid ta’ membrane. Jirrizulta li fid-data li giet prezentata l-kawza kienu diga’ saru spejjez ghas-somma komplessiva ta’ elf hames mija u wiehed u hamsin euro u sitta u tletin centezmu (€1,551.36). Ovvjament gialadarba Lawrence Meilak naqas milli jrendi l-bejt impermeabbli ghall-ilma tax-xita u b’hekk naqas mill-obbligu tieghu, ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li nkorrew l-atturi. Li kieku x-xoghol twettaq skond is-sengha u l-arti ma kienx ikun hemm bzonn li l-atturi jaghmlu dawn l-ispejjez. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li dawn l-ispejjez kellhom isiru u kienu kawza diretta tan-nuqqas tal-konvenut li jwettaq ix-xoghol skond kif titlob is-sengha u l-arti u li jizgura li l-bejt ikun impermeabbli ghall-ilma tax-xita.

(b) **<u>Spejjez ta’ vjaggar</u>**: l-atturi jippretendu rimbors ghall-ispejjez li ghamlu f’xiri ta’ biljetti tal-ajru bejn is-snin 1992 u 1996 *“…..liema vjaggi saru apozitament sabiex huma jaccedu fil-proprjeta’ taghhom u jissorveljaw ix-xogholijiet rimedjali li kienu qed isiru fil-proprjeta’ taghhom minhabba l-hsara li saret fihom.”* (ara nota a fol. 85-86). Mal-istess nota gew ezebiti kopja ta’ xi biljetti tal-ajru. Jibda biex jinghad li mir-ricevuta ezebita a fol. 98 jirrizulta li l-kont tal-membrane hu datat 28 ta’ Gunju 1993. Dwar dawn il-vjaggi ma jissemma xejn fid-dikjarazzjoni tal-attur bid-data tad-19 ta’ April 2007 (fol. 70) fil-parti fejn qal x’inhuma d-danni. Anzi f’din id-dikjarazzjoni (li hi biss kopja u ma jirrizultax li giet konfermata bil-gurament) l-attur qal li ghamel din il-kawza biex jikseb *“……. il rimborso dei danni subiti a causa della infiltrazione della pioggia pari a €850,00 per il restauro di due cornice e di un tappetto di pelle, ottenere il totale rifacimento del piano del roof per il quale mi e’ stato chiesto Lm40,00 per metro quadrato, ottenere il rifacimento della guaia che doppo tutti questi anni deve essere rifatta e per il quale mi e’ stato chiesto Lm3,90 al metro quadro.”*. F’kawza li ilha

pendenti ‘l fuq minn 13 il-sena l-atturi lanqas biss indenjaw ruhhom li jaghtu xhieda biex jissostanzjaw il-pretensjoni taghhom u jispjegaw x’kien dan ix-xoghol kollu rimedjali li kien jehtieg dawn il-vjaggi kollha minn tnejn min-nies. L-atturi ma jistghux jippretendu li ssodisfaw l-oneru tal-prova li jinkombi fuqhom, u fid-dawl ta’ dawn in-nuqqasijiet kollha l-Qorti m’ghandix triq ohra ghajr li f’dan ir-rigward tichad it-talba ghar-rimbors ta’ dawn il-flejjes.

**(c)** **<u>Spejjez ghat-tiswija ta’ hsara f’zewg pitturi u f’tapit tal-gilda</u>**: f’dan ir-rigward kull m’ghandha quddiemha il-Qorti hi l-istess dikjarazzjoni tal-attur li tinsab a fol. 70. Semplici dikjarazzjoni bhal din m’hijiex bizzejjed. L-atturi ma pprezentaw l-ebda ricevuta ta’ hlas, ma taw l-ebda spjegazzjoni dwar meta saret din l-allegata hsara, fejn saret it-tiswija, u fhix kienet tikkonsisti t-tiswija. Lanqas ma ressqu xi prova tal-hsara (bhal rapport tekniku) li l-attur qal li saret f’dawn l-oggetti bi stima tal-ispejjez. Il-partijiet ghandhom jissostanzjaw bi provi dak li jkunu qeghdin jallegaw u jressqu l-ahjar prova. Anke f’dan ir-rigward l-atturi naqsu.

**(d)** **<u>Spejjez biex jerga’ jsir il-membrane u biex issir l-art tal-bejt mill-gdid</u>**: anke hawn il-Qorti ma taqbilx ma’ dak li jinghad fid-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 70. M’hemmx prova li hemm il-htiega li l-membrane jinbidel u/jew li jrid isir xi xoghol iehor rimedjali. Dwar kwistjonijiet simili l-Qorti trid toqghod fuq prova teknika u mhux tibbaza ruhha fuq semplici dikjarazzjoni tal-attur li, per ezempju minhabba t-trapass ta’ zmien il-membrane ikollu jinbidel. Il-perit tekniku ma wasalx ghal konkluzjoni simili jew li jrid jinbidel is-saqaf jew li jrid isir xi xoghol iehor fil-bejt in kwistjoni. Il-fatt li l-uniku danni li gew likwidati mill-perit tekniku huma l-ispejjez inkorsi ghat-tqeghid ta’ membrane, hi fiha nnifisha konferma li m’hemmx bzonn li jsir ix-xoghol indikat mill-atturi. L-atturi argumentaw li fir-rapport il-perit tekniku *“….ma ghamel l-ebda riferenza ghal dawn id-danni.”* (fol. 150). Kieku riedu, l-atturi kellhom kull opportunita’ li jaghmlu domandi in eskussjoni lill-perit tekniku. Kuntrarjament ghal dak li jghidu l-atturi, kien fuqhom l-oneru tal-prova biex juru li l-bejt irid jerga’ jsir kollu u li hemm bzonn li l-membrane tinbidel. Id-

dikjarazzjoni a fol. 69 li tidher li saret minn missier l-attur, ma gietx konfermata bil-gurament u l-Qorti m'hijiex tal-fehma li din tikkostitwixxi xi prova li tista teghleb dak li jirrizulta mir-rapport tal-perit tekniku. B'mod skjett il-perit tekniku ikkonferma li dak li kellu jsir kien li l-bejt jigi rez impermeabbli ghall-ilma tax-xita. Hu wkoll evidenti li bit-tqeghid tal-membrane dan l-ilment gie rimedjat; *"Dawn ix-xogholijiet* ***biex jitwaqqaf l-ingress ta' l-ilma*** *jammontaw ghal sitt mija u sitta u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm666.02), u l-esponent huwa tal-fehma illi l-konvenut ghandu jhallas ghal dawn ix-xogholijiet."* (enfazi tal-qorti - fol. 138). Dan apparti l-fatt li ma jirrizultax li sal-lum l-atturi ghamlu xi xoghol f'dan is-sens u certament li m'hijiex flokha l-istedina li ghamlu l-atturi li din il-Qorti tghaddi biex *"…tiffissa arbitrio boni viri l-ispejjez ulterjuri necessarji biex tissewwa l-hsara li ghadha ezistenti llum….."*.

6. Fl-ahharnett jigi rilevat li ghalkemm fil-kors tas-smiegh tal-kawza fl-ismijiet **Lawrence Meilak vs Dr. Michael Caruana et** (Cit. nru: 106/1991) l-ilment mertu ta' din il-kawza kien issemma fil-kors tal-gbir tal-provi, pero' l-mertu ta' dik il-kawza kienu totalment differenti. Dan apparti l-fatt li dik il-kawza ghadha m'hijiex gudikat in kwantu jirrizulta li sar appell. Ghalhekk m'ghandhomx ragun il-konvenuti meta jghidu li *"gialadarba fil-kawza l-ohra gia inghatat sentenza, u illum dik is-sentenza ghaddiet in gudikat, illi il-pretensjoni ta' Sgueglia ghal dawn id-danni hija kolpita bir-res gudikata b'mod u manjiera illi huwa ma jistax aktar javvanza din il-pretensjoni tieghu."*. Fl-ebda parti ta' dik is-sentenza l-Qorti m'ghaddiet xi gudizzju dwar jekk ix-xoghol imwettaq minn Lawrence Meilak, fi twettiq tal-appalt moghti lilu, kienx sar skond is-sengha u l-arti. Il-fatt li f'dawk il-proceduri nghatat sentenza qabel din il-kawza, m'ghandux jippregudika lill-atturi. Il-posizzjoni setghet forsi kienet differenti li kieku din il-kawza saret wara li l-kawza fl-ismijiet Lawrence Meilak vs Dr. Micahel Caruana et (Cit. nru: 106/91) ghaddiet f'gudikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni.
2. Tichad it-tieni, it-tielet u raba’ eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom u filwaqt li tilqa’ t-talbiet tal-atturi, tillikwida d-danni fl-ammont ta’ elf hames mija u wiehed u hamsin euro u sitta u tletin centezmu (€1,551.36) liema ammont ghandu jithallas mill-konvenuti.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------